Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2575

14.11.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2575**

**tat-13 ta' Novembru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319.

(2) Fl-20 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2653 (2022) tal-KSNU, aġġorna l-informazzjoni relatata ma' persuna waħda fil-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135.

*ANNESS*

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319, l-entrata 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. **Jimmy CHERIZIER** (magħruf ukoll bħala "Barbeque") kien involut f'atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Haiti, u ppjana, idderieġa jew wettaq atti li jikkostitwixxu abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. Jimmy Cherizier huwa wieħed mill-mexxejja l-aktar influwenti ta' gruppi vjolenti u jmexxi alleanza ta' gruppi Haitjani magħrufa bħala l-"G9 Family and Allies".

**Funzjoni:** Eks Uffiċjal tal-Pulizija

**Data tat-twelid:** 30 ta' Marzu 1977

**Post tat-twelid:** Port au Prince, il-Haiti

**Nazzjonalità:** Haitjan

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: 001-843-989-7 (NIF – Haiti)

**Indirizz:** 16, Imp Manius, Delmas 40 B, Port-au-Prince, Haiti

**Data tad-deżinjazzjoni tan-NU**: 21 ta' Ottubru 2022

**Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Waqt li kien uffiċjal fil-Pulizija Nazzjonali tal-Haiti (HNP), Cherizier ippjana u pparteċipa fl-attakk fatali ta' Novembru 2018 kontra persuni ċivili fil-viċinanzi La Saline ta' Port-au-Prince. Waqt dan l-attakk inqatlu mill-inqas 71 persuna, inqerdu aktar minn 400 dar u mill-inqas seba' nisa ġew stuprati minn gruppi armati. Matul l-2018 u l-2019, Cherizier mexxa gruppi armati f'attakki brutali u koordinati fil-viċinat ta' Port-au-Prince. F'Mejju 2020, Cherizier mexxa gruppi armati f'attakk li dam ħamest ijiem f'għadd ta' viċinanzi ta' Port-au-Prince, fejn inqatlu persuni ċivili u tqabbdu djar. Mill-11 ta' Ottubru 2022, Cherizier u l-konfederazzjoni ta' gruppi "Familja u Alleati tal-G9" tiegħu kienu qed jimblukkaw b'mod attiv il-moviment liberu tal-fjuwil mit-terminal tal-fjuwil ta' Varreux – l-akbar wieħed fil-Haiti. L-azzjonijiet tiegħu kkontribwew direttament għall-paraliżi ekonomika u l-kriżi umanitarja fil-Haiti.".